Minuti tal-34 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 21 ta' Dicembru, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 4.00pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | **Membri:** |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-33 laqgha.

1.1 Emanuel Muscat qal li ma lahaqx ra il-Minuti. Il-Kunsill qabel li l-Minuti ghandhom jigu approvati fil-laqgha li jmiss.

1.2 Lisa Marie Brooke staqsiet kemm gew ivvutati flus ghall-attivita' tal-loghob tan-nar diskussa fil-laqgha precedenti. Is-Sindku spjega illi l-MTA ser tkun responsabbli mil-loghob tan-nar u l-Kunsill irid jivvota fondi sabiex ikun organizzat Seher il-Punent.

1.3 Carmen Vella staqsiet ghaliex ghadhom ma nbdewx ix-xogholijiet fil-Pjazza. Is-Sindku spjega illi wiehed mill-haddiema li jahdem bil-JCB hassu ma jiflahx waqt li kien fuq ix-xoghol fl-Gharb u ddahhal l-isptar. Ghalhekk ix-xogholijiet waqghu lura. Is-Sindku spjega illi l-water main sarulu t-testijiet mehtiega u ghadda mit-test. Is-Sindku spjega li kien ghadu irid isir xoghol fuq il-gravity main tad-dranagg fil-parti hdejn il-Club tal-Football. Is-Sindku spjega li peress li wasal zmien il-Milied u l-ewwel tas-sena ix-xogholijiet gew sospizi sabiex dawn il-jiem ta' festi jkunu bla inkonvenjent ghar-residenti.

1.4 Raymond Cassar staqsa dwar il-blajjet tal-kanal tal-ilma fi Triq Virtu'. Gie spjegat illi l-handyman ser jaghmel ix-xogholijiet mehtiega.

## 2. Progett Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project – Mizura 323.

**2.1** Gie spjegat illi x-xogholijiet ta' restawr fil-Knisja taz-Zejt jinsabu mexjin.

**2.2** Dwar ix-xogholijiet ta' restawr tal-kappella ta' San Dimitri u hitan tas-sejjieh gie spjegat illi l-Perit ser jiltaqa' mal-kuntratturi rispettivi sabiex ikunu jistghu jinbdew ix-xogholijiet.

**Pagna 2 Minuti tal-34 laqgha**

2.3 Ix-xoghol ta' restawr tas-salib tal-pjazza ser ikun qed isir hekk kif ikun opportun minhabba ix-xogholijiet tal-pavimentar tal-Pjazza.

2.4 Dwar ix-xoghol tal-pavimentar tal-Pjazza, is-Sindku spjega illi inharget l-offerta u gew sottomessi 5 offerti. Gie spjegat illi l-bord iddecieda illi l-procedura ta' l-offerta ghandha tigi kancellata u terga tohrog sejha gdida ghall-offerti peress illi l-offerti qabzu il-budget u kellhom diversi dokumenti nieqsa. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel li fl-offerta il-gdida il-materjal ghandu jkun porfido.

2.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-pavimentar taz-zewg pjazez iz-zghar, dik ta' hdejn ic-centru parrokkjali u dik ta' Pjazza Gerano fejn kien deciz precedentement illi dawn iz-zewg pjazez ser jinghataw wicc tal-paving blocks. Il-Kunsill iddiskuta il-possibilita' li dawn jigu pavimentati bil-porfido biex ikunu bhal pjazza principali. Is-Sindku spjega illi peress li l-budget huwa limitat jekk il-prezz tal-porfido ikun oghli dan ma jkunx possibbli. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-offerta ta' provvista ta' materjal ta' paving li kienet intrebhet minn JCR Ltd, izda li ghadha ma gietx utilizzata. Il-Kunsill qabel illi din l-offerta ghandha tintuza ghax-xiri tal-materjal tal-bankini ta' Triq il-Knisja.

2.7 Emanuel Muscat staqsa dwar l-applikazzjoni ta' Mizura 125. Is-Sindku spjega illi saret l-applikazzjoni bil-lista' ta' toroq imsemmija fil-laqgha u li qed tigi evalwata. Is-Sindku spjega illi l-ikbar ammont li jista' jinghata taht din l-iskema huwa ta' €30,000.

2.8 Saret diskussjoni dwar il-manutenzjoni ta' hitan tas-sejjieh. Kien deciz li ghandhom jinbnew l-ewwel dawk il-hitan fiz-zona ta' Wied il-Mielah li waqghu u ma kienu jaghmlu parti mill-ebda fazi tal-progett EU u li dawn ghandhom jinbnew bit-tender ezistenti tal-hitan tas-sejjieh. Kienu diskussi wkoll il-hitan li ser jinbnew mill-fondi 323 fiz-zona ta' Sdieri, ta' San Dimitri u tal-Knisja taz-Zejt. Il-Kunsill ser jesplora possibilita' ta' finanzjament sabiex isiru xogholijiet ta' l-istess natura f'zoni ohra.

2.9 Raymond Cassar ippropona li ghandha ssir xi haga sabiex id-diegi f'Wied il-Mielah izommu l-ilma peress li fl-opinjoni tieghu l-ilma qed izoqq minn bejn il-blat u l-hajt. Is-Sindku spjega illi l-problema gejja mill-fatt li t-tappieri tal-WSC qed jircievu l-ilma huma. Gie deciz li ghandu jigi kkuntattjat il-Perit sabiex jittiehdu il-mizuri kollha possibli sabiex tkun miljorata is-sitwazzjoni.

**3. Progett OBIMED.**

3.1 Offerta OBIMED's Roots Exploration. Is-Sindku spjega illi l-bord imwaqqaf biex jevalwa din l-offerta kompost minn Nutar Josette Spiteri Cauchi, Carmel Zammit u Tabib Mario Saliba iltaqa' darbtejn. Gie spjegat illi l-bord talab xi kjarifici lill-kuntrattur u ghandu jerga' jiltaqa' fit-tieni gimgha ta' Jannar.

3.2 Sadanittant gie spjegat illi l-laqgha li jmiss tal-kumitat ta' pilotagg tal-progett ser issir gewwa Sqallija bejn l-4 u 7 ta' Frar. Is-Sindku talab lil min huwa interessat jattendi sabiex jikkonferma sa l-Erbgha 28 ta' Dicembru, 2012.

**4. Offerta poloz ta' assigurazzjoni tal-Kunsill.**

4.1 Gie spjegat illi giet sottomessa offerta wahda minghand Compass Insurance b'dawn il-poloz: Small & Medium Enterprise Insurance Policy ghall-prezz ta' €2,954.83, Electronic Equipment Policy ghall-prezz ta' €101.92 u Group Personal Accident Policy ghall-prezz ta' €512.15. Compass group qed joffru ftehim ghall-perjodu ta' 5 snin bi premiums ridotti kif gej: SME €2734.06, Electronic Equipment, €96.02 u GPA €474.62. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi verifikat jekk isir ftehim ta' 5 snin jibqghux l-istess kundizzjonijiet jew jistax ikun hemm xi tibdil min naha tal-insurance. Il-Kunsill qabel li jekk il-kundizzjonijiet ma jinbidlux ghandu jidhol ghal ftehim ta' 5 snin.

4.2 Lisa Brooke staqsiet dwar l-applikazzjoni ghall-fondi ghall-progett ta' kampus sportiv fiz-zona tal-ground tal-futbol. Is-Sindku spjega illi l-process wasal fil-fazi li jkunu mhabbra r-rizultati u ghalkemm ghadu mhux ufficjali hemm possibilita' li l-progett ikun approvat. Is-Sindku ppropona li ghalkemm il-progett huwa mahsub li jsir fi Triq Tumas Cassar tista' tkun esplorata zona ohra fejn jista' jsir il-progett u dan minhabba il-possibilita li l-MFA flimkiem mal-GFA u il-Ministeru ghal Ghawdex jidhlu ghall-progett tat-turf artificjali. Il-Kunsill qabel unanimament u wiehed ghandu jara jekk il-fond jippermettix u xi procedura trid tkun segwita sabiex tohrog talli offerta.

**5. Aggornament dwar progetti, xogholijiet fit-toroq u xogholijiet ohra.**

5.1 Dwar xoghol fuq il-kuntratt PPP gie spjegat li huwa mistenni li x-xoghol ta' water main fi Triq Trux jibda ma jdumx. Il-Kunsill qabel li kemm jista' jkun ix-xoghol tal-water main ghandu jsir parti parti sabiex ma jkunx mehtieg li tinghalaq it-triq. Is-Sindku spjega li peress li irid isir il-culvert tal-ilma tax-xita ser ikun neccesarju li jinqalghu xi bankini u jergghu isiru mill-gdid. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.2 Dwar xoghol tac-centru civiku gie spjegat illi x-xoghol miexi u l-hsieb hu li l-Kunsill jisposta ruhu f'qasir zmien fil-post alternattiv fix-xowroom Portelli Woodworks fi Triq il-Vizitazzjoni k/m Triq Gamri Camilleri. Il-hsieb hu li l-Kunsill idum mill-inqas f'dan il-post possibilment mhux aktar mill-ahhar ta' Frar. Il-hsieb huwa wkoll illi jingarr biss dak li huwa essenzjali fil-premises temporanji. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3 Il-Kunsill gie infurmat illi waslet l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi dwar self ta' €105,000 fuq il-progett tac-Centru Civiku.

5.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jingabu kwotazzjonijiet ghall-ghamara, apparat u finishing li jistghu ikunu mehtiega ghal goc-centru civiku gdid.

**6. Attivitajiet tal-Milied 2011.**

**6.1** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' tat-tfal li ser issir permezz ta' harga bl-open top bus. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ghandha tinzamm fl-ewwel gimgha ta' Jannar, 2012. Gie deciz illi ghandha ssir formola sabiex il-genituri jaghtu l-kunsens taghhom biex it-tfal jattendu ghal din l-attivita'.

6.2 F'dan ir-rigward gew trattati l-kwotazzjonijiet tal-open top buses fejn gew sottomessi tnejn minghand Gozo Coaches Cooperative u Supreme Travel. Il-Kunsill qabel ma l-irhas offerta ta' Gozo Coaches Cooperative ghall-prezz ta' €99.00 + VAT ghal nofs gurnata.

6.3 Il-Kunsill qabel li l-attivita' socjali tal-Kunsill ghandha issir ghand Chez Amand fit-tieni *weekend* ta' Jannar.

**7. Skeda ta' pagamenti.**

7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Il-Kunsill approva wkoll il-hlas ta' €977.04 lil Joseph Cassar ghax-xoghol ta' twessigh fi Pjazza Zjara tal-Madonna hdejn iz-zuntier.

**8. Korrispondenza u materji ohra.**

8.1 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar sewqan eccessiv fi Triq l-Gharb. Gie deciz li ghandha ssir talba lil Transport Malta biex jigu stallati tabelli tal-limitu tal-velocita'.

8.2 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali: Memo 119/2011 – Ezenzjoni mill-Obbligu tal-Ftuh tal-Ufficcju Amministrattiv nhar ta' Sibt (24 ta' Dicembru u l-31 ta' Dicembru, 2011). Il-Kunsill qabel li l-ufficini tal-Kunsill ghandhom ikunu maghluqa f'dawn iz-zewg dati.

8.3 Memo 7/2010 – Skema dwar Accessibilita' Ahjar fil-lokalitajiet fejn il-Kunsill gie approvat €7000 minn din l-iskema sabiex iwettaq ix-xoghol fuq ir-rampa biex itejjeb l-accessibilita' tal-Kunsill.

8.4 Memo 122/2011 – Skema ta' Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet Storici Zghar. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghar-restawr tal-istatwa antika tal-Pieta' li tinsab fic-

8.5 cimiterju tal-Gharb. Ghandu jigi verifikat jekk hitan tas-sejjieh jaqghux taht din l-iskema sabiex issir applikazzjoni ghalihom ukoll.

8.6 Mill-Moviment ta' Kana fir-rigward tal-Konkors Familja Qalb tad-Deheb, sena 2011. Il-Kunsill qabel li tigi nominata il-familja Cassar ulied Salvu Cassar ta' Triq il-Madonna tal-Virtut. Raymond Cassar astjena.

8.7 Minghand il-Gozo College Boys Secondary fir-rigward ta' zjara edukattiva minn studenti ghall-Parlament Ewropew fi Brussels fejn hemm zewg studenti mil-lokalita' li ser ikunu qed jattendu din iz-zjara. Il-Kunsill qabel li jalloka €100 ghal din l-attivita' edukattiva.

8.8 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali:- Group Health Insurance Policy 2012. Assikurazzjoni tal-Flus 2012. Il-Kunsill qabel unanimament illi jgedded is-shubija tieghu f'dawn il-poloz.

8.9 Minghand l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-Town Twinning Citizens Meeting li gie approvat ghall-2012. Il-Kunsill qabel li jistieden lir-Romeni li kienu hadu sehem fil-gemellagg li sar gewwa Erchie f'Mejju ghal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li jitlob lill EU li d-data ta' din ic-*citizens meeting* tigi kombinata ma Seher il-Punent. Is-Sindku spjega illi min naha tad-DLG it-talba giet accettata biex Seher il-Punent isir fl-ahhar ta' April, 2012. Il-Kunsill qabel li wiehed ghandu jibda jahseb ghal logistika ta' din l-attivita' tal-gemellagg inkluz l-akkomodazzjoni.

8.10 Minghand Mario Formosa kwotazzjoni ghall-xkaffar biex jintuza gewwa l-arkivju tac-Centru Civiku ghall-ammont ta' €645. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jinxtara.

8.11 Minghand Dr. Robert G. Xuereb fir-rigward ta' tabelli tal-Parking fi Sqaq Nru 2, fi Triq Frangisk Portelli, Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha bejn ir-residenti Farrugia u Transport Malta.

8.12 Minghand Parkwell International fir-rigward ta' servizzi li toffri l-Kumpanija.

8.13 Minghand Sport Malta Awards fir-rigward ta' dan l-avveniment sportiv.

8.14 Giet tratatata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:- PA5609/07 – Site at Triq Tumas Cassar – To construct a multi-facility sports campus, PA857/11 – To restore the basilica – Request for Information, PA857/11 – To restore the basilica – EPC Approval of Application, PA857/11 – To restore the basilica – Request for Bank Guarantee ghall ammont ta' €11500. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jappella mal-MEPA ghall-ammont ta' garanzija mitlub. Lista ta' Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp – PA1876/11

8.15 Minghand Emily Barbaro Sant fir-rigward ta' ktieb gdid li hi ippublikat.

8.16 Minghand il-Water Services Corporation pagamenti lill-Kunsill ta' €42, 959.40 u €75,500.00 fir-rigward tal-ghotja mill-WSC u Ministeru ghal Ghawdex rispettivament in konnessjoni max-xoghol tal-master plan li ghadda minn got-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku spjega li ghaddej f'diskussjoni mal-WSC biex possibilment dan l-ammont jizdied.

8.17 Il-Kunsill qabel unanimament illi VL mhux utilizzat minhabba ezigenzi ta' xoghol mill-impjegati tal-Kunsill: Segretarju Ezekuttiv, skrivana u librara matul is-sena 2011 ghandu jkun trasferit ghas-sena 2012.

8.18 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-tmexxija tac-centru ta' matul il-jum ghat-tfal u gie deciz li jerga' jahdem fuq l-applikazzjonijiet li kienu dahlu f'call ghal child minders.

Il-laqgha spiccat hin 6.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv